StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2011**

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

**Ir-Riżorsi:**

**1.** It-test li jinqara.

**2.** Il-karta tal-mistoqsijiet.

**3.** Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1** | ▪ Il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel.<br>▪ Ser tinqralhom l-istorja ***Bingo.***<br>▪ Għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari.<br>▪ Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari. | **5 minuti** |
| **2** | ▪ Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq.<br>▪ L-għalliema jaqrawlhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn. | **5 minuti** |
| **3** | ▪ Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tas-silta.<br>▪ Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | **5 minuti** |
| **4** | ▪ Għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq.<br>▪ Għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba.<br>▪ Jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | **5 minuti** |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

| | | |
|---|---|---|
| **5** | ▪ Ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>▪ Jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **5 mi** |
| **6** | ▪ Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | **5 minuti** |

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# Bingo

## *L-Ewwel Parti*

Bingo huwa l-kelb sufi ta' Mikiel.  Mikiel u Bingo jgħixu f'dar ċkejkna fil-kampanja.

Ta' spiss Mikiel jieħu lil Bingo dawra s'għand Ġanni, il-bidwi li għandu l-għelieqi fil-qrib. Hemm iqattgħu nofstanhar sħiħ jilagħqu x-xemx.

Ġanni u Mikiel ikebbsu ftit nar. Fuqu jpoġġu kitla bl-ilma. Jistennewh jagħli u jagħmlu l-itjeb te li qatt sar. Għandhom l-isbaħ siegħa jixorbu t-te fis-skiet, għall-ħoss ta' xi żunżan jew serduq jidden.

Il-gost ta' Bingo f'mument bħal dan ikun li jmur minn wara l-ħajt jgħasses lill-baqar li jkunu jitlajjaw fix-xemx. Jidħol inkiss inkiss mir-rixtellu u jisraq ftit mill-ikel tagħhom u joqgħod jomogħdu bil-kwiet. Imma tgħidx kemm ikun iebes dan l-ikel tal-baqar. Lil Bingo, miskin, kważi jkissirlu snienu. Iżda xorta jmur għax tgħidx kemm hu żaqqieq!

## *It-Tieni Parti*

Filfatt żaqqu kellha ġġibu fl-inkwiet lil Bingo. Għodwa waħda, waqt li Mikiel kien medhi jgħid kelma ma' Ġanni, minn ħdejhom jgħaddi vann tal-ħobż. Ir-riħa tal-ħobż frisk, iqarmeċ u sħun, qasmitlu qalbu lil Bingo.

Bingo ra li tal-ħobż waqaf ibigħ lill-ġara u ġera kemm felaħ biex jilħqu. Il-kelb ħaseb li tal-ħobż kien se jagħmel bħalma kien jagħmillu Mikiel u jtih xi biċċa ħobż biex iduqha. Iżda tal-ħobż ma rahx u laħaq għalaq il-vann u beda jsuq.

Bingo baqa' sejjer warajh sa tarf ir-raħal. Mikiel fittex fuq li fittex sakemm sabu siegħa wara!

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2011**

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Istudenti

| IL-MARKA |
|---|
| ____ |
| 15 |

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________

**Il-klassi:** ______________________________

**Taqlibx din il-paġna qabel ma jgħidulek l-għalliema.**

**In-numri mmarkati bi stilla * fihom 2 marki.**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# Bingo

**Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba:**

**L-Ewwel Parti**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Bingo huwa kelb | | iswed |
| | | | sufi |
| | | | innukklat |
| | | | griż |
| | | | |
| **2.** | Bingo kien imur | | l-għalqa ta' Mikiel |
| | | | l-għalqa tal-furnar |
| | | | l-għalqa ta' Ġanni |
| | | | ibigħ il-ħobż |
| | | | |
| **3.** | Fl-għalqa Mikiel u Ġanni kienu | | jixwu l-ħobż |
| | | | jiżirgħu s-siġar |
| | | | jitkellmu |
| | | | jagħmlu t-te |
| | | | |
| **4.** | Bingo kien imur ħdejn il-baqar biex | | jitkellem magħhom |
| | | | jilgħab magħhom |
| | | | jisirqilhom l-ikel |
| | | | joqgħod ħdejhom |
| | | | |
| **5.** | L-ikel tal-baqar kien ikun | | tajjeb |
| | | | iebes |
| | | | iswed |
| | | | morr |
| | | | |
| **6.** | Mikiel u Bingo kienu jmorru l-għalqa ta' Ġanni | | nhar ta' Ħadd |
| | | | nofstanhar sħiħ |
| | | | tard filgħaxija |
| | | | billejl |
| | | | |

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

## It-Tieni Parti

| | | | |
|---|---|---|---|
| **7.** | Għodwa waħda Mikiel kien qiegħed | | jagħżaq l-għalqa |
| | | | jitkellem ma' Ġanni |
| | | | rieqed taħt is-siġra |
| | | | isuq il-vann tal-ħobż |
| | | | |
| **8.** | Bingo | | jħobb il-ħobż frisk |
| | | | ma jħobbx il-ħobż frisk |
| | | | jħobb jiġri wara l-baqar |
| | | | jħobb jirkeb f'vann tal-ħobż |
| | | | |
| **9.** | Bingo ġera lejn il-vann tal-ħobż biex | | jaħrab minn Mikiel |
| | | | imur ħdejn il-ġara |
| | | | jieħu biċċa ħobż |
| | | | imur dawra |
| | | | |
| **10.** | Bingo baqa' jiġri wara l-vann | | sa tarf ir-raħal |
| | | | sal-forn |
| | | | sakemm laħqu |
| | | | sad-dar |
| | | | |
| **11.** | Mikiel sab lil Bingo | | ġurnata wara |
| | | | jumejn wara |
| | | | siegħa wara |
| | | | għand Ġanni |
| | | | |
| **12. *** | "qasmitlu qalbu" tfisser | | beda jibki |
| | | | xammha tfuħ |
| | | | iddispjaċih |
| | | | tatu aħbar ħażina |
| | | | |
| **13. *** | "jilagħqu x-xemx" tfisser | | jgħajbu lix-xemx |
| | | | jieħdu ġelat fix-xemx |
| | | | jieħdu gost joqogħdu fix-xemx |
| | | | jaħarbu mix-xemx |
| | | | |

**- Tmiem il-Karta -**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZ[...]
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2011**

| **Il-Ħames Sena** | **IL-MALTI (Il-Kitba)** | **Il-Ħin: Siegħa u Kwart** |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________ **Il-klassi:** ________

| **Il-Marki** | **Il-Fehim mis-Smigħ** | **Il-Kitba** | | **IT-TOTAL** |
|---|---|---|---|---|
| | ____ / 15 | ____ / 85 | | ____ / 100 |

**Rimarki speċjali mill-għalliema:**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## Għall-istudent/a

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb l-isem u l-kunjom, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Aqra sew l-istorja - Karozza Ġdida**



Waqt il-brejk it-tfal inġabru madwar Peter biex jisimgħuh jirrakkonta. Huwa beda: "Il-familja tiegħi kellha karozza qadima, imma skont missieri kienet għadha tajba. Ta' kuljum missieri kien imur biha għax-xogħol. Kull filgħaxija ommi kienet tużaha biex twassal lili u lil ħuti kull fejn ikollna bżonn. Lil min twasslu għal-lezzjonijiet taż-żfin, lil min għad-duttrina, u lil min għat-trejning tal-futbol. **(par. 1)**

Kulħadd kien draha l-karozza l-qadima u kull meta titħammeġ arana kulħadd idur magħha biex naħsluha. Min inaddafha minn barra u min minn ġewwa. Wara kull ħasla l-karozza terġa' tieħu r-ruħ u terġa' tiġi qisha ġdida fjamanta. Din it-tindifa konna nagħmluha nhar ta' Sibt, biex il-Ħadd noħorġu dawra biha nadifa u tleqq. **(par. 2)**

Jum minnhom wasalt lura mill-iskola u rajt il-karozza tagħna miġbuda minn vann isfar. Ħadt qatgħa u ħsibt dwar x'seta' ġara. Malli dħalt ġewwa staqsejt lil ommi u weġbitni b'dispjaċir f'qalbha li l-karozza kienet ġratilha l-ħsara. Skont il-mekkanik din ma tissewwiex. Kellna naħsbu biex nixtru oħra ġdida. **(par. 3).**

Dakinhar filgħaxija domna ma rqadna. Konna miġburin mal-mejda niddiskutu liema karozza ser nagħżlu, x'kulur inġibuha u x'numru nagħmlulha. Konna ferħanin se ntiru! Bdejna nqallbu fl-internet, u niflu wieħed wieħed ir-riklami ta' karozzi ġodda. Fl-istess ħin f'qalbna kellna l-karozza l-qadima tagħna, u ddispjaċina xi ftit għaliha! **(par. 4)**

L-għada filgħaxija l-familja kollha morna għand aġent tal-karozzi. Laqagħna raġel twil u dħuli ħafna u dan wriena karozza ġdida u sabiħa. Missieri u ommi qagħdu jitkellmu ras imb ras mal-aġent, waqt li jien u ħuti qgħadna nduru mal-karozza. X'riħa fiha minn ġewwa! Kollox ileqq u sabiħ! Kollox ġdid fjamant! **(par. 5)**

Meta ftiehmu kollox, l-aġent offra lil missieri u lilna dawra bil-karozza li konna ordnajna bħalha. Aċċettajna bil-qalb kollha. Kemm sibnieha differenti mill-karozza qadima li kellna! Din mimlija arloġġi u buttuni jixegħlu bi dwal ħomor, sofor u oranġjo. Biex ittella' l-ħġieġ tagħha, kemm tagħfas buttuna, u dan jitla' waħdu. Ħassejtni qisni dħalt ġo ajruplan! **(par. 6)**

Domna xi xahrejn fuq ix-xwiek nistennew il-karozza l-ġdida biex tiġi Malta u tkun għandna. Illum tgħidx kemm nibżgħu għaliha u naħsluha bil-qalb. Allaħares min imissielna!" **(par. 7)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**<u>Ai. Aqra, ifhem u wieġeb il-mistoqsijiet. Ikteb b'Malti tajjeb.</u>**

**1.** Liema minn dawn huma **tweġibiet tajbin**? Immarka ✓ fil-kaxxi t-tajbin biss.

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Il-familja ta' Peter kellha żewġ karozzi. | |
| **b.** | Omm Peter kienet taf issuq il-karozza. | |
| **ċ.** | Missier Peter kien jaħsel il-karozza waħdu. | |
| **d.** | Wara li titnaddaf, il-karozza kienet tiġi qisha ġdida. | |

**(2 marki)**

**2. Ikteb <u>Veru</u> jew <u>Falz</u> ħdejn kull sentenza.**

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | It-tindifa konna nagħmluha kull nhar ta' Ħadd. | |
| **b.** | Il-karozza l-qadima kienet tan-nannu. | |
| **ċ.** | Ommi kienet tuża l-karozza filgħodu. | |
| **d.** | Skont il-mekkanik il-karozza ma tissewwiex. | |

**(4 marki)**

**3. Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | L-aġent kien | twil u dħuli | |
| | | qasir u dħuli | |
| | | twil u antipatku | |
| | | qasir u sinjur | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **b.** | L-aġent offra | skont fuq il-karozza | |
| | | dawra bil-karozza l-ġdida | |
| | | dawra bil-karozza li ordnajna bħalha | |
| | | arloġġ lil kulħadd | |

**(2 marki)**

**4. Ħożż linja taħt il-kelma li ma taqbilx mal-oħrajn.**
**Żomm f'moħħok l-istorja li għadek kemm qrajt. L-ewwel waħda hija lesta.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **a.** | karozza | mutur | vann | trakk | <u>lanċa</u> |
| **b.** | roti | bieba | mera | ħġieġa | xemgħa |
| **ċ.** | ilma | ġelat | sapun | sponża | barmil |

**(2 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**5.** Mill-istorja **Karozza Ġdida** sib **kelma waħda** li tfisser.

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | taħriġ **(par.1)** | |
| **b.** | ħarġa **(par. 2)** | |
| **ċ.** | ġurnata **(par. 3)** | |
| **d.** | raġel li jbigħ il-karozzi **(par. 5)** | |

**(4 marki)**

**ii. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont l-istorja li għadek kemm qrajt. Ikteb Malti tajjeb.**

**1.** X'ra Peter malli wasal lura d-dar, wara l-iskola?

______________________________________________ **(marka)**

**2.** Għaliex il-familja ta' Peter iddeċidiet li tixtri karozza ġdida?

______________________________________________

______________________________________________ **(2 marki)**

**3.** X'għoġbu l-aktar lil Peter fil-karozza l-ġdida? **(par. 5)**

______________________________________________

______________________________________________ **(2 marki)**

**4.** Spjega xi tfisser **"naħsluha bil-qalb"**. **(par. 7)**

______________________________________________

______________________________________________ **(2 marki)**

**5.** Għaliex Peter jgħid "Allaħares min imisshielna"? **(par. 7)**

______________________________________________

______________________________________________ **(2 marki)**

**6.** Aqta' **linja** taħt it-tweġiba t-tajba**.**

| **a.** | **"skont missieri kienet għadha tajba" (par. 1)** Min kien għadu tajjeb? | |
|---|---|---|
| **il-familja** | **il-karozza** | **Malta** |

| **b.** | **"kemm sibnieha differenti" (par. 6)** X'sabu differenti? | |
|---|---|---|
| **il-karozza l-qadima** | **il-karozza l-ġdida** | **il-buttuna** |

**(2 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**B. Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma t-tajba mill-kaxxa t'hawn taħt.**

**Tnejn minnhom huma żejda. L-ewwel waħda hija lesta.** **i)**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **bennej** | **~~mekkanik~~** | **sprejer** | **bidwi** | **perit** | **pastizzar** | **surmast** | **skarpa** |

**a.** Min isewwi l-karozzi **mekkanik**

**b.** Min imexxi l-kor jew il-banda ________________________

**ċ.** Min isewwi ż-żraben ________________________

**d.** Min jagħmel il-pastizzi ________________________

**e.** Min jiddisinja l-pjanti tad-djar ________________________

**f.** Min jisprejja l-karozzi ________________________



**Ċ. Qabbel il-ĦIN mal-KLIEM billi tniżżel l-ittra meħtieġa fil-kolonna tan-nofs. L-ewwel waħda hija lesta.** **( 5 marki )**

| **IL-ĦIN** | | **IL-KLIEM** | |
|---|---|---|---|
| **a.** | **6.00** | | **is-sitta u għaxra** |
| **b.** | **6.10** | | **is-sitta u nofs** |
| **ċ.** | **6.15** | | **is-sebgħa neqsin kwart** |
| **d.** | **6.20** | | **is-sitta u kwart** |
| **e.** | **6.30** | **a.** | **is-sitta** |
| **f.** | **6.45** | | **is-sitta u għoxrin** |

**D. Aqta' linja taħt l-aħjar espressjoni. L-ewwel waħda hija lesta.** **(3 marki)**

**1.** Il-karozza li xtraw hija sabiħa ħafna u naħseb ġiethom

**<u>biz-zalza</u>** **bil-melħ** **bil-bżar**

**2.** Iz-ziju jara mill-bogħod daqs

**seqer** **fenek** **ġurdien**

**3.** Anna u Grace bdew jarmaw il-presepju imma mbagħad iddejqu u ħallewh nofs

**daqna** **leħja** **mustaċċi**

**4.** Malli l-għalliem ra l-pitazz tiegħi ġab

**għajnejh wara widnejh** **għajnejh quddiemu** **widnejh quddiem għajnejh**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**E. Imla l-vojt skont dak li hu mitlub minnek fil-ġenb. L-ewwel waħda hija lesta.**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | Aldo daħal fil-ġnien u ra ħafna **friefet.** | Il-plural ta' ***farfett*** |
| **2.** | L-________________ ħaġa li għandna Malta huwa l-baħar. | Minn ***sabiħ*** |
| **3.** | Il-Maltin iqattgħu ________________ ħdejn il-baħar. | Kelma oħra bl-istess tifsira ta' ***jiem*** |
| **4.** | Il-________________ tela' fuq il-qamar fl-1969. | Is-singular ta' ***bnedmin*** |
| **5.** | Ġina ________________ minn fuq is-sellum. | Il-Perfett minn **N-Ż-L** |
| **6.** | Thomas kellu ________________ tħabbat sitta sitta. | Kelma waħda flok ***qalb tiegħu*** |
| **7.** | L-ors għandu ġismu ________________ ħafna. | Il-maqlub ta' ***ħafif*** |
| **8.** | Il-ġgant ________________ qabel ma jkun kiel ikla għaġin. | In-negattiv ta' ***jorqod*** |
| **9.** | Iz-ziju tiegħi ħadni sa ________________ Safi. | ***Ħal*** JEW ***Ħal-*** JEW ***Ħall*** ? |
| **10.** | Il-ġimgħa l-oħra daħħalna lil ħija _____________ sptar. | Żid l-artiklu |
| **11.** | ________________ għand tal-laħam. | L-imperattiv ta' ***mar*** |
| **12.** | Dak il-flokk ________________ tiegħi. | ***bħal*** JEW ***bħall-*** ? |
| **13.** | Dak l-inkwatru għandu ______________________ sena. | ***150*** fi kliem |

**(12-il marka)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**F. Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u weġibhom b'Malti tajjeb u sabiħ. marki )**

**i. Ikteb riklam dwar il-ħanut ta' Kikku tal-Ħelu. Fisser x'tip ta' ħelu jagħmel u a okkażjoni. Dan ir-riklam jidher fil-gazzetta tal-iskola.**



______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

**ii. Ikteb avviż b'Malti sabiħ biex tibagħtu lil ħbiebek. Għidilhom li se tagħmel festin għal għeluq sninek. Tinsiex tikteb meta se jkun, il-ħin u fejn. ( 5 marki )**



______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

**iii. Trid tixtri kejk għall-festin ta' għeluq sninek. Mort għand Kikku tal-Ħelu biex tordna l-kejk. Kompli dan id-djalogu bejnek u bejn Kikku.**

| | |
|---|---|
| **Kikku** | **L-għodwa t-tajba. Nista' naqdik f'xi ħaġa?** |
| **INT** | |
| **Kikku** | **Għal liema okkażjoni tridu l-kejk?** |
| **INT** | |
| **Kikku** | **Ta' xiex tridu l-kejk?** |
| **INT** | |
| **Kikku** | |
| **INT** | |
| **Kikku** | |
| **INT** | |

**(5 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**G. Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b'Malti sabiħ ikteb komponiment [illegible]ar 120 kelma fuq wieħed minn dawn. Immarka liema titlu se tagħżel. (20 marka)**

**1. Immaġina li inti annimal mitluq barra t-triq. Ikteb kif tgħaddi l-ġurnata tiegħek.**
*X'annimal int? Kif spiċċajt barra? X'tagħmel matul il-ġurnata? Għandek ħbieb? X'tiekol u fejn tistke[illegible]*

**2. L-isbaħ ġurnata ta' ħajti.**
*Liema kienet? X'kien ġara? Għaliex tqisha bħala l-isbaħ ġurnata ta' ħajtek?*

**3. Faċċata tad-dar tiegħek hemm razzett li fih ma joqgħod ħadd. Is-Sibt li għadda inti u kuġinuk mortu passiġġata. Malli wasaltu ħdejh rajtu li l-bieb kien miftuħ. X'ġara?**
*Dħaltu fih? X'għamiltu? X'kien hemm fih?*

| **Spazju għan-noti (bla marki)** |
| --- |
| |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Komponiment numru: ____**

– Tmiem il-Karta –

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers